IR-RABAT

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TAL-VIRTÙ**
**IT-TIENI LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU B 07**

* **Il-Kumitat iltaqa` nhar**
**Il-Ħamis 22 ta' Jannar 2015 fis-5.45 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat** Data u ħin

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Sam Abela | Ċerpersin |
| Is-Sra Renate Guillaumier | Viċi Ċerpersin |
| Is-Sna Audrey Sant | Membru |
| Is-Sur Christopher Farrugia | Membru |
| Is-Sra Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

** **Skużata:**

| | |
|---|---|
| Is-Sna Louise Agius | Membru |

**Peress illi ċ-Ċerpersin kien għadu ma wasalx, ippresediet il-laqgħa l-Viċi Ċerpersin Renate Guillaumier.**

0.01 **Il-Viċi Ċerpersin Renate Guillaumier ipproponiet li jkun hemm bdil fl-ordni tal-aġenda billi jiġu diskussi issa *items* nru 3, 4, u 5 tal-aġenda. Dan sabiex l-*accountant* tal-Kunsill ikun jista' jispjega s-sitwazzjoni finanzjarja li jinsab fiha l-Kunsill u l-Kumitat Amministrattiv. Il-Kumitat qabel.**

3.00 **Żbilanċ finanzjarju tal-Kunsill Lokali Ir-Rabat – Każ Nru: 412/14**

3.01 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa dwar ċirkolari mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar 'L-iżbilanċ finanzjarju tal-Kunsill Lokali għas-sena 2013'. Tali ċirkolari ġiet moqrija lill-membri preżenti, kopja tal-imsemmija ċirkolari tinsab annessa ma' dawn il-minuti. Żbilanċ finanzjarju tal-Kunsill Lokali Ir-Rabat – Każ Nru: 412/14

**Iċ-Ċerpersin Sam Abela daħal għal-laqgħa fis-6.00 ta' filgħaxija. Għaldaqstant, il-kumplament tal-laqgħa ġiet ippreseduta minnu.**

L-*accountant* tal-Kunsill is-Sur Paul Bugeja spjega li l-Kunsill qiegħed jiġi ordnat sabiex jagħmel biss xogħlijiet kuntrattwali u ma jsirux xogħlijiet oħra għajr dawk imniżżlin f'Artiklu 33 tal-Att Dwar il-Kunsilli Lokali, Kap. 363. Huwa kompla jispjega li dan l-iżbilanċ finanzjarju qiegħed jidher taħt il-Kunsill Lokali tar-Rabat, li taħtu jaqgħu ż-żewġ Kumitati Amministrattivi. Għaldaqstat, qabel ma jinqata' dan id-*deficit*, la l-Kunsill Lokali Ir-Rabat u lanqas il-Kumitati Amministrattivi tal-Baħrija u tal-Virtù ma jistgħu jagħmlu xogħlijiet għajr dak kuntrattwali.

**4.00 Diskussjoni dwar il-finanzi**

4.01 L-*accountant* tal-Kunsill spjega l-*Management Accounts* għas-sena 2014, liema *Management Accounts* huma *draft* peress li l-Kunsill għadu qed jirċievi l-kontijiet li mhumiex riflessi f'dawn l-*accounts* u għaldaqstant l-*accounts* għadhom ma ingħalqux. Huwa saħaq li sal-20 ta' Frar 2015, l-*accounts* iridu jkunu ġew finalizzati. Diskussjoni dwar il-finanzi

Għaldaqstant, id-diskussjoni dwar il-finanzi ser terġa' titla' għad-diskussjoni fil-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv li jmiss.

**5.00 Budget 2015**

5.01 L-*accountant* tal-Kunsill spjega l-abbozz tal-Estimi Annwali għas-sena 2015. Ġie maqbul li l-Estimi Annwali għas-sena 2015 jittellgħu għall-appovazzjoni fil-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv li jmiss, wara li tkun saret il-laqgħa pubblika annwali tal-lokalità. Budget 2015

**0.08 Iċ-Ċerpersin Sam Abela ppropona li jkun hemm bdil fl-ordni tal-aġenda billi jiġi diskuss issa *item* nru 8 tal-aġenda. Dan sabiex il-kuntrattur tal-knis, is-Sur Wilson Mifsud, il-kuntrattur tas-*soft areas*, is-Sur Emanuel Ciantar, u l-Contracts Managers tal-Kunsill, is-Sur Raphael Carabott u s-Sur Raymond Grima jkunu jistgħu iwieġbu l-mistoqsijiet tal-KA dwar il-kuntratti rispettivi tagħhom. Il-Kumitat qabel.**

**8.00 Materji Oħra**

8.01 Is-Sur Christopher Farrugia rrimarka li minn Diċembru 2014 il-Kumitat Amministrattiv tal-Virtù kien qed jaffaċċja problema bis-servizz tal-knis. Huwa saħaq li kien hemm akkumular ta' trab f'diversi toroq ġewwa tal-Virtù. Però jidher li din is-sitwazzjoni tranġat matul dan l-aħħar xahar. Diskussjoni dwar is-servizz tal-knis

8.01.1 Il-kuntrattur tal-knis, is-Sur Wilson Mifsud informa l-laqgħa li huwa joffri s-servizz ta' kennies li jiknes it-toroq kollha ġewwa tal-Virtù kull nhar ta' Tlieta u Ħamis bejn it-8.00 a.m. u nofsinhar. Kif ilesti mix-xogħol, il-kennies imur jiffirma l-attendenza ġewwa l-uffiċċji amministrattivi tal-Kunsill Lokali.

8.01.2 Il-*Contracts Manager* is-Sur Raphael Carabott, ikkonferma dak li qal il-kuntrattur Wilson Mifsud u żied illi s-Sur Raymond Grima jmur jagħmel *spot checks* sabiex jara li x-xogħol ikun qed isir kif suppost.

8.01.3 Iċ-Ċerpersin Sam Abela talab lill-kuntrattur sabiex jibqa' joffri servizz tajjeb, bħalma offra f'dan l-aħħar xahar.

8.02 Iċ-Ċerpersin Sam Abela saħaq li ż-żewġ *soft areas* illi hemm ġewwa tal-Virtù ma kinux qed jiġu miżmuma kif mixtieq mill-Kumitat Amministrattiv. Hu saħaq li l-imsemmija *soft areas* suppost illi fihom fjuri staġjonali, iżda sal-llum dawn għadhom mingħajr fjuri. Diskussjoni dwar is-soft areas

8.02.1 Il-kuntrattur tas-*soft area*, is-Sur Emanuel Ciantar saħaq li huwa ħawwel il-fjuri iżda dawn ġew maħruqin bil-ħmieġ tal-klieb. Barraminnhekk, f'*soft area* minnhom hemm siġra taż-żebbuġ bl-għeruq mifruxin mal-ħamrija kollha u m'hemmx post fejn wieħed jaħrat u jħawwel il-fjuri.

8.02.2 Il-*Contracts Manager* is-Sur Raphael Carabott, ikkonferma li l-kuntrattur ħawwel ix-xtieli tal-fjuri u li dawn ġew meqruda mill-ħmieġ tal-klieb.

8.02.3 Is-Sur Christopher Farrugia talab li jkun hemm fjuri permanenti f'dawn iż-żewġ *soft areas.*

8.02.4 Il-Kumitat iddeċieda li l-kuntrattur jipprovdi stima tal-pjanti differenti li jissuġġerixxi li jitħawlu, flimkien ma *sketch* tal-*landscaping* u din titellgħa għad-diskussjoni fis-seduta oħra

8.03 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-laqgħa pubblika annwali tal-lokalita' tal-Kumitat Amministrattiv tal-Virtù ser issir f'laqgħa waħda flimkien ma' tal-Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija u tal-Kunsill Lokali Ir-Rabat. Din il-laqgħa ser issir nhar it-Tlieta 17 ta' Frar 2015 fis-6.00 p.m. Laqgħa Pubblika Annwali tal-Lokalita'

**1.00 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru B06**

1.01 Il-minuti tas-seduta nru B06 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati miċ-Ċerpersin u s-Segretarju Eżekuttiv. Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti B06

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti B06**

2.01 2.01 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li t-Transport Malta ġew lura bi tliet dati differenti għal din il-laqgħa iżda ħadd mill-membri ma seta' jattendi. Għaldaqstant, bħalma ġie ssuġġerit minn żewġ membri tal-Kumitat Amministrattiv, hija kitbet lil TM fejn issuġġerejnielhom li din il-laqgħa ssir tard waranofsinhar. Sa issa kienet għadha ma ġiet riċevuta l-ebda risposta dwar din il-laqgħa. Tneħħija ta' *bus stop* minn Triq Godwin Ganado

2.02 2.02 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-minuti tal-laqgħa li saret mar-rappreżentanti tas-Seminarju ġew approvati hekk kif emendati. Laqgħa mas-Seminarju

Fir-rigward tas-sinjali biex titnaqqas il-konġestjoni tat-traffiku waqt id-dħul u l-ħruġ tat-tfal mill-iskola, l-amministrazzjoni tal-Kunsill talbet lir-rappreżentant tas-Seminarju sabiex jipprovdilna *site plan* u fuqha jindika eżatt fejn jixtieq illi jsiru s-sinjali u t-tabelli li qed jipproponu. Kif l-amministrazzjoni tirċievi din is-*site plan*, tkun tista' ssir l-applikazzjoni ma' Transport Malta.

| | | |
|---|---|---|
| 2.03 | 2.04 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li s-Sna Louis Agius infurmatha li l-lista kienet lesta, però din trid titla' għad-diskussjoni fil-laqgħa tal-kumitat amministrattiv illi jmiss peress li illum tinsab skużata. | Nuqqasijiet dwar it-trasport pubbliku |
| 2.04 | 2.05 Is-Sna Audrey Sant ippreżentat ir-ritratti. Il-kumitat iddeċieda li dawn is-sinjali jibqgħu kif inhuma. | L-*stop sign* fi Triq Carlo Fiamingo u l-*give way* fi Triq Francesco Azopardi |
| 2.05 | 2.08 Is-Sra Renate Guillaumier infurmat il-laqgħa li uffiċjali tas-sanità marru darbtejn ġewwa tal-Virtù u jidher li din il-problema giet solvuta. | Problema tal-ġrieden |
| 2.06 | 3.03 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-uffiċjal tal-MEPA li qed issegwi dan il-każ talbitna nindikawlha fuq *site plan* għal liema post qed nirreferu. Għaldaqstant dan il-post ġie identifikat mis-Sur Christopher Farrugia. | Żvilupp illegali fi Triq il-Buskett |

**6.00 Kommunikazzjoni mill-membri**

| | | |
|---|---|---|
| 6.01 | Is-Sur Christopher Farrugia informa l-laqgħa li n-nies li ser jidħlu għall-inkarigu tan-*Neighbourhood Watch* diġà ġew identifikati, però talab lill-membri preżenti sabiex jinfurmawh jekk jafu b'xi nies oħra li huma interessati u adattati għal dan l-inkarigu. Huwa saħaq li l-pass li jmiss huwa li jiltaqa' mal-Ispettur tal-Għassa tar-Rabat u mas-Supretendent tad-Distrett li jagħmel mar-Rabat sabiex jiġi stabbilit kif se taħdem din l-inizjattiva. | *Neighbourhood Watch* |
| 6.01.1 | Is-Sna Audrey Sant ippreżentat l-i*stickers* illi ser jitqassmu ġewwa kull residenza f'tal-Virtù. Dawn l-i*stickers* huma intiżi sabiex jindikaw li ż-żona hija mħarsa min-*neighbourhood watch*. | |

**7.00 Korrispondenza**

| | | |
|---|---|---|
| 7.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li bagħtet talba lill-Ministeru għat-Trasport u Infrastruttura sabiex jintervjeni fix-xogħol ta' tiswija fuq dan iċ-ċint. Dan peress li l-budget annwali tal-KA huwa ta' 56,000 ewro, u minn indikazzjonijiet li kellna mingħand il-perit tal-Kunsill, dan iċ-ċint ser jiġi jiswa madwar 40,000 ewro biex jissewwa. Hija kompliet tispjega 'l-laqgħa li wara diversi tentattivi, il-Ministeru aċċetta li jagħmel l-imsemmija xogħlijiet, liema xogħlijiet fuq dan iċ-ċint bdew fil-jiem li għaddew. | Ċint biswit il-*main gate* tas-Seminarju |

**9.00 Data tas-seduta li jmiss**

| | | |
|---|---|---|
| 9.01 | Il-Kumitat qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar il-Ħamis 26 ta' Frar 2015 fis-5.45 ta' filgħaxija. | Data tas-seduta li jmiss |

9.02 Il-laqgħa ntemmet fit-8.00 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum ...26.......................... 26........ ta'.Frar........................ 2015

CHRISTOPHER FALLOCIA

f Sam Abela
Ċerpersin

Orietta Masini Cardona
Segretarju Eżekuttiv

**Case No: 412/14: Zbilanc finanzjarju tal-Kunsill Lokali Rabat (M)**

Scicluna Etienne at DLG
**Sent:** 05 January 2015 09:51
**To:** Rabat Malta Local Council at DLG
**Cc:** Pace Paul Joseph at DLG; Galea Christopher at DLG; Monitoring at DLG

Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv
Kunsill Lokali Rabat (M)

**Żbilanċ Finanzjarju tal-Kunsill Lokali għas-sena 2013**

Qed issir referenza għall-financial statements awditjati għas-sena li għalqet 2013 fejn minn dan id-dokument jirriżulta li l-Kunsill tagħkom qed jirreġistra żbilanċ finanzjarju ta' €228,679 fil-working capital tiegħu.

Il-Kunsill qed imur kontra ir-Regolamenti finanzjarji tal-Kunsilli Lokali u għaldaqstant ghandu jirregola il-pożizzjoni finanzjarja tiegħu mill-aktar fis possibbli.

ʰaldaqstant, filwaqt li dan id-Dipartiment issa jistenna tweġiba immedjata minn naħa tagħkom dwar x'wassal għal dan ı-iżbilanċ finanzjarju, intom mitluba sabiex:

a. tippreżentaw programm dettaljat lil dan id-Dipartiment, ta' kif bi ħsiebkom teliminaw dan l-iżbilanċ;

b. ma tidħlux għal aktar *commitments* ħlief dawk il-kuntratti li l-Kunsill huwa obbligat jagħmel skont il-liġi; u

c. tibgħatulna *balance sheet* kull xahar li turi l-qadgħa finanzjarja. Kull meta tibgħatu il-*balance sheet* għandkom tinkludu lista ta' kull *committment* li l-kunsill ikollu u li ma jkunux riflessi fl-istess *balance sheet* biex b'hekk ma tingħatax stampa ħażina tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill. Il-*balance sheet* u lista ta' *commitments* għandhom ikunu iffirmati mill-*accountant* tal-Kunsill.

Intom mitlubin sabiex din l-ittra tinġib għal-attenzjoni tal-membri kollha tal-Kunsill fl-ewwel laqgħa li jmiss tal-Kunsill.

Sadanittant, dan id-Dipartiment iħeġġiġkom tirreferu għall-leġislazzjoni tal-Kunsilli Lokali b'mod partikulari ir-Regolamenti Finanzjarj (S.L. 363.01) Dawn tistgħu faċilment issibuhom fuq is-sit http://www.justiceservices.gov.mt/LOM.aspx?pageid=27&mode=chrono&gotoID=363&lid=2.

I-informazzjoni mitluba għandha tintbagħat sa mhux aktar tard min-nhar it-Tnejn, 2 ta' Frar 2015 fuq dan l-imejl ..*ane.scicluna@gov.mt*.

Grazzi tal-koperazzjoni,

Etienne Scicluna
Monitoring Officer
Department for Local Government

t: +356 22002341 e: etienne.scicluna@gov.mt | www.gov.mt
*Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail*

Ministry For Justice, Culture and Local Government
26, Archbishop Street, VALLETTA, MALTA